



Il-Kummissjoni
Ewropea

L-Istat tal- Unjoni 2026

Ittra ta' intenzjoni

LILL-PRESIDENT ROBERTA METSOLA
U LIT-TAOISEACH MICHEÁL MARTIN

Brussell, is-16 ta' Settembru 2026

Għażiża President Metsola,

Għażiż Taoiseach Martin,

Is-sena d-dieħla se nfakkru **s-70 Anniversarju tat-Trattat ta' Ruma**. L-idea ċentrali kienet sempliċi: L-Ewropa hija aktar qawwija meta naħdmu għalenija. Dan għadu jgħodd sal-lum. U għandna ħafna għax inkunu kburin fil-mod kif l-Ewropa f'dawn l-aħħar ftit snin ingħaqdet biex tieħu f'idejha l-futur tagħha stess.

Dan huwa tabilħaqq aktar importanti hekk kif inħarsu lejn id-dinja ta' madwarna li qed tinbidel b'mod daqstant drammatiku. Fuq il-kontinent tagħna għadha għaddejja l-gwerra. Qed naslu lejn numru ta' mumentu kruċjali, bħal dak li jolqot l-impatt tat-tibdil fil-klima jew fejn jidħol il-progress dwar l-intelliġenza artifiċjali. Hemm kompetizzjoni dwar il-kapaċitajiet industrijali li qed issawwar il-kompetizzjoni dinjija. Kif ukoll għaddejja battalja ta' narrattivi bl-għan li ddgħajjed id-demokraziji tagħna. Quddiem dan l-isfond, **id-destin tal-Ewropa għandu jibqa' f'idejn l-Ewropej**.

Fassalna perkors ċar u ħadna passi kbar biex insaħħu **l-indipendenza Ewropea**. Issa rridu dan kollu nsarrfuh f'riżultati. Irridu nikkonkludu l-ħidma leġiżlattiva li għandna quddiemna bħalissa, nimplimentaw dak li qbilna dwaru u nsaħħu r-regoli tagħna. **Issa huwa żmien it-twettiq**.

L-attenzjoni ċara tagħna tibqa' fuq **l-ispinta lill-ekonomija tal-Ewropa**. Qed nagħmlu s-segwitu tar-rapporti Draghi u Letta: 54 mill-65 inizjattiva fil-Boxxla għall-Kompetittività diġà ġew adottati mill-Kulleġġ sa mill-bidu tas-sena li għaddiet. Flimkien qed inwettqu l-pjan direzzjonali tagħna ta' **Ewropa Waħda, Suq Wieħed**. Mis-swieq kapitali, sal-grilji tal-enerġija, EU Inc. u l-akkwist pubbliku — hemm bżonn li nwettqu dan kollu kemm jista' jkun malajr.

Bħala parti minn dan, nixtieq nenfasizza l-passi ulterjuri li hemm bżonn biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja tagħna. Ir-reazzjonijiet tagħna għall-kriżijiet varji matul is-snin ħallewna b'ħafna arranġamenti kumplessi ta' ġestjoni ta' kriżi. Dak ifisser finanzjar frammentat u użu ineffiċjenti tal-kapital. Se nlaqqgħu flimkien **bord ta' ekonomisti** biex joħorġu b'rakkomandazzjonijiet għar-riforma tal-**arkitettura tax-xibka ta' sikurezza sovrana Ewropea**, qabel is-summit taż-Żona tal-Euro ta' Marzu 2027.

Fl-2027 se nfakkru wkoll l-10 snin tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, l-impenn komuni tagħna għal Ewropa aktar ġusta u aktar inklussiva. Is-summit biex jiġi ċelebrat dan l-anniversarju, organizzat flimkien mal-President Costa, se jkun vitali għaż-żamma tal-prinċipji tal-pilastru. Se

ninvestu fil-ħiliet u fit-twettiq ta' garanziji ta' ħiliet hekk kif inkomplu l-ħidma tagħna għal Ewropa soċjali aktar qawwija. Il-kisba ta' riżultati fil-qasam tal-**akkomodazzjoni u tal-kura** se tibqa' prijorità ewlenija.

Se nkomplu niffukaw fuq il-ħidma biex in-negozju jsir aktar faċli u se naffrontaw ir-restrizzjonijiet li minħabba fihom qed jinżammu lura l-kumpaniji tagħna. Se nkomplu nissimplifikaw ir-regoli u nnaqqsu l-piżijiet, se napplikaw approċċ ta' "sempliċità mit-tfassil" fejn jidħlu l-proposti ġodda kollha. Se niffokaw fuq **il-prezzijiet tal-enerġija** u nagħmlu aktar sforzi fuq l-impenn tagħna għal **enerġija nadifa, lokali u affordabbli**. Quddiem l-isfond ta' prezzijiet dejjem tilgħin sa minn mindu bdiet il-gwerra fil-Lvant Nofsani, hemm bżonn li nħarsu s-sigurtà tal-provvista. Ninsabu lesti f'dan il-kuntest preżenti li nressqu miżuri ta' emerġenza jekk ikun hemm bżonn.

Se naraw li l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu **b'mod ekwu**. F'dawn il-każijiet fejn xi pajjiż joħloq kundizzjonijiet ta' kummerċ inġusti għall-Unjoni Ewropea, inkunu lesti li nirritaljw billi nipproponu strumenti ġodda. Se nkomplu nagħfsu wkoll fuq **id-diversifikazzjoni**, b'mod partikolari f'setturi kruċjali għall-katini ta' provvista u għall-ekonomija tagħna. Se nkomplu fil-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għan-negozji Ewropej bit-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħna bħala **l-potenza kummerċjali ewlenija fid-dinja**. Se nibnu l-pontijiet ma' ekonomiji dinamiċi madwar il-kontinent Amerikan, fl-Asja, l-Afrika u fil-Golf.

Dan is-sajf neħħa d-dubju fl-Ewropej dwar **l-impatt tat-tibdil fil-klima**. In-nixfa, il-mewġiet ta' sħana, in-nirien fis-selvaġġ u l-għargħar għal darba oħra wrew kemm it-tibdil fil-klima qed iħalli piż dejjem jikber fuq il-poplu tagħna, fuq l-ekonomiji u s-sigurtà tagħna. Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili huwa turija tas-solidarjetà Ewropea fil-prattika. Hemm bżonn li nsaħħu l-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons qabel is-sajf li ġej. **L-Ewropa tenħtieġ kemm il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima** u dawn iridu jsaħħu lil xulxin. Irridu nħaffu l-pass fejn jidhru l-adattament għat-tibdil fil-klima, speċjalment billi nressqu miżuri biex nindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma u d-diskrepanza fl-assigurazzjoni dwar il-klima li dejjem qed tikber.

L-Intelliġenza artifiċjali qed issir b'ħeffa saff fundamentali għall-ekonomija u s-sigurtà tagħna. Il-pożizzjoni tal-Ewropa hija ċara. Hemm bżonn naħdmu mas-sħab tagħna u mal-industrija biex nindirizzaw ir-riskji tal-IA iżda wkoll biex naraw li minnha nieħdu l-akbar benefiċċji possibbli għas-soċjetà u l-industrija tagħna. Irridu nużaw l-IA bl-aħjar mod biex intejbu s-soċjetà tagħna, il-kwalità

tal-ħajja tagħna u l-produttività tagħna. Fl-istess waqt hemm bżonn nindirizzaw ir-riskji li ġejjin minn din it-teknoloġija qawwija ġdida.

F'dinja dejjem aktar perikoluża u inċerta, **l-Ewropa jeħtiġilha tiegħu responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħha stess**. Irridu nsarrfu l-infieq akbar għad-difiża f'kapaċitajiet Ewropej aktar qawwija. **L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà** se tfassal pjan ta' kif se nippreparaw għat-theddid li hemm quddiemna.

L-appoġġ tagħna lill-**Ukrajna** — l-ewwel linja fid-difiża tal-Ewropa — huwa sod. Se nkomplu nagħfsu għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, insaħħu l-kooperazzjoni fid-difiża, nappoġġjaw lill-Ukrajna fit-triq tagħha lejn adeżjoni mal-UE u nżommu l-pressjoni fuq ir-Russja, speċjalment billi nqawwu l-approċċ tagħna lejn l-infurzar tas-sanzjonijiet. Se nkomplu naħdmu għall-paċi u l-istabbiltà fil-**Lvant Nofsani**.

Iżda l-Ewropa għandha quddiema wkoll sfidi oħra. Dan is-sajf rajna kemm tista' tikber malajr il-pressjoni fuq il-fruntieri tagħna, fuq **l-infrastruttura kritika** tagħna u permezz ta' attakki ibridi. Hemm bżonn li nħejju aħjar biex **niproteġu l-fruntieri Ewropej**.

Il-Patt se nħaddmuh fil-konkret. Se nsaħħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, niġġieldu l-kuntrabandu b'mod aktar effettiv u ntejbu r-redditu. Se nimmodernizzaw il-qafas tal-viżi ta' Schengen, u nżommu l-Ewropa miftuħa għat-talent. Se nkabbru l-kooperazzjoni kontra **l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu**, inħarsu aħjar **l-infrastruttura kritika** u nsaħħu r-reazzjoni tagħna kontra **t-theddid ibridu**.

Ewropa aktar sikura għandha bżonn ta' ġirien stabbli u demokratiċi. Huwa għalhekk li **t-tkabbir** huwa importanti fejn tidħol is-sigurtà tagħna. Il-pajjiżi kandidati għamlu progress importanti. Hekk kif il-proċess tat-tkabbir qed jimxi 'l quddiem, l-Unjoni wkoll qed tagħmel it-tħejjijiet tagħha.


Se niproteġu wkoll **l-ispazju demokratiku** tagħna. Se nsaħħu r-reżiljenza tagħna kontra **l-interferenza barranija u d-diżinformazzjoni** u se nagħmlu aktar biex **niproteġu lit-tfal fuq l-internet**. Se nkomplu l-ħidma tagħna għal Unjoni tal-Ugwaljanza tassew, inkluż billi nagħmlu segwitu tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-prattiċi ta' konverżjoni.

Biex nilħqu l-ambizzjonijiet li fissirt f'din l-ittra, l-Ewropa jrid ikollha l-mezzi biex taġixxi. Għalhekk, se tkun ħidma politika ċentrali dik biex jitwettag **il-Qafas Finanzjarju Pluriennali** li jmiss. Se naħdmu flimkien biex nilħqu ftehim fil-ħin, inkluż fejn jidħlu r-riżorsi proprji ġodda sabiex l-Unjoni


jkollha r-riżorsi li għandha bżonn u biex il-programmi l-ġodda jkunu jistgħu jibdw mill-1 ta' Jannar 2028.

Il-prijoritajiet tagħna jsaħħu lil xulxin. Ekonomija aktar qawwija tagħti lill-Ewropa libertà akbar ta' azzjoni. Sigurtà aktar qawwija tipproteġi l-ekonomija tagħna u l-mod ta' għajxien tagħna. U meta l-Ewropa twettaq u tasal, hija takkwista l-fiduċja li għandha bżonn biex tagħixxi.

L-Ewropa hija aktar qawwija meta naħdmu għalenija. Issa rridu naraw li nagħmluha konkreta.



Ursula von der Leyen



Maroš Šefčovič

PRIJORITAJIET EWLENIN GĦAS-SENA D-DIEĦLA

Inizjattivi ġodda

Kompetittività u impjegi

- Ħidma dwar ir-restrizzjonijiet territorjali mhux ġustifikati fuq il-provvista fi ħdan is-Suq Uniku
- Proposta biex il-proċessi jkunu aċċellerati
- Kompetittività tal-banek u l-pakket ta' simplifikazzjoni
- Pakket għas-simplifikazzjoni tat-trasport
- Pakket tad-diversifikazzjoni/DiversifyEU
- Kooperazzjoni Ewropea dwar il-Materja Prima Kritika

Soċjali u inklużjoni

- Pakket għas-simplifikazzjoni tal-akkomodazzjoni
- Patt Ewropew għall-Kura
- Alleanza tal-Universitajiet Ewropej 2.0
- Garanzija tal-Ħiliet

Sigurtà u difiża

- Strateġija Ewropea ta' Sigurtà
- Sigurtà offshore u sigurtà għall-impjanti u operazzjoni tal-enerġija
- Skambju internazzjonali tad-*data* fil-kooperazzjoni tal-pulizija (Prüm international)
- Strument Ewropew għall-Faċilitaturi strateġiċi

Klima u reżiljenza

- Rieżami tal-istandards tas-CO₂ tal-vetturi heavy duty
- Alleanza tal-Assigurazzjoni tal-Klima
- Pjan Ewropew dwar il-Mewġiet ta' sħana
- Inizjattiva Ewropea tal-Ilma

Demokrazija, stat tad-dritt u valuri

- Kungress tal-Ewropa
- Qafas ta' Rispons ta' Emerġenza
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-projbizzjoni tat-terapiji ta' konverżjoni

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>).

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) licence (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess sakemm jingħata kreditu xieraq u jiġi indikat kull tibdil.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li ma humiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.